FONTANA

Minuti tal-kontinwazzjoni tar-raba` laqgħa tal-Kunsill Lokali Fontana li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv nhar l-Erbgħa, 22 ta` Ġunju 2005 fid-9.30 ta` filgħodu.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | **Membri** |
| Sindku | Is-Sur Saviour Borg |
| Viċi-Sindku | Is-Sur Victor Cefai |
| | Is-Sur Lorry Apap |
| | Is-Sinjura Maria Schembri |
| **Assenti:** | Is-Sur Anthony Cassar |
| **Segretarju Eżekuttiv:** | Is-Sinjura Josianne Cassar |

Il-laqgħa kienet ippreseduta mis-Sindku s-Sur Saviour Borg.

<u>Materji oħra</u>

Għall-laqgħa attendiet is-Sinjura Ina Zammit, Uffiċċjal Awtorizzat, sabiex tispjega s-sistema tal-*pooling*. Hija nfurmat lill-Kunsill illi s-sistema nħolqot għal dawk il-Kunsilli li kienu jagħmlu t-telf jiġifieri l-Kunsilli Lokali l-kbar u oħrajn li kienu jħallu l-qliegħ jissussidjaw lill-Kunsilli ż-żgħar u dawk li jagħmlu t-telf.

Hija spjegat ukoll illi jekk il-Kunsill Lokali jibqa` barra mis-sistema tal-*pooling* irid jagħmel kont bankarju għalih bħal ma għamel il-Kunsill tar-Rabat u li jfisser is-somma ta` Lm1000 bħala spejjeż, jibda jirċievi l-kontijiet kull xahar u telf jew qliegħ skond il-kontravenzjonijiet.

Is-Sindku qal li hu jikkonsidra li l-Kunsill ikun fis-sistema tal-*pooling* jekk il-Kumitat Konġunt jaqbel li jiġu ntrodotti l-gwardjani matul il-lejl fi tmiem il-gimgħa fis-Sajf, peress li meta ntalab fil-Kunsill preċedenti t-talba ma ġietx milqugħa, kif ukoll jekk il-Kunsill ikun konsultat dwar kif isiru r-rotot fil-Fontana peress li fil-Kunsill preċedenti kien jintqal li r-rotot ma jistgħux ikunu magħrufa mill-membri tal-Kunsilli. Is-Sinjura Ina Zammit qalet li dawn il-punti jistgħu jiġu milqugħa.

Il-Kunsill qabel unanimament illi jibqa` fis-sistema tal-*pooling* b`dawn il-kundizzjonijiet:

- F`każ li jkun hemm żbilanċ jinqasam ugwali bejn il-Kunsilli membri kollha;
- Illi l-ħinijiet għall-gwardjani lokali fil-Fontana jsiru b`konsultazzjoni mal-Kunsill u li jkun hemm servizz ta` matul il-lejl fi tmiem il-ġimgħa meta mitlub;
- Illi r-rotot isiru b`konsultazzjoni mal-Kunsill.

Għaldaqstant is-Segretarju Eżekuttiv għandha tikteb ittra lill-Kumitat Konġunt sabiex tgħarrfu b`din id-deċiżjoni.

Il-laqgħa ntemmet fl-10.30 ta` filgħodu. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tnejn, 25 ta` Lulju 2005 fl-4.30 ta` wara nofsinhar.

Josianne Cassar
Segretarju Eżekuttiv

Saviour Borg
Sindku